FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 02 TA' NOVEMBRU 2016

Il-Pulizija

Spettur Nikolai Sant

vs

Mohamed M Mahdi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' nazzjonalita Libjana u detentur ta' karta tal-identita' 0137203A u passaport Libjan numru 605199 akkuzat talli nhar l-24 ta' Ottubru 2016 bejn l-00.45hrs u l-01:15 hrs f'San Giljan u fil-vicinanzi:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura fuq il-persuna ta' Luis Antonio Benedicto Rios ;

2. ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Paulis Lauga;

3. tallli f' lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu innifsu;

4. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

5. sar recediv b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta'Malta preseduta mill-Magistrat Dr. D Clarke LL.D datati 02 ta' Frar 2015 u 29 ta' Frar 2016, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 221, 338 (dd), 338 (ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tikkundannah sentejn prigunerja sospizi ghal erba' snin. Kif ukoll bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kap 9, tohrog ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Paulis Lauga u Luis Antonio Benedicto Rios ghal tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona
Magistrat